MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Kongunt Numru. 212/2015

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi huma zzewgu f'Malta nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (28.06.2007) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti n-Nutar Elisa Falzon datat hamsa u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (25.11.2011);
3. Illi l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* minn Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011);
4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ;
5. Illi ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni taghhom;
6. Illi l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabilita mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

   Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta'Mejju, 2015

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-25 ta’ Novembru 2011 u ilhom de facto separati minn Marzu 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------